MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 2451/2000/1

**Stephen Farrugia**

***Versus***

**Sandy Martin**

Din il-kawża hija dwar inċident meta kien korra l-attur wara li l-konvenuta tajjritu waqt li kienet qiegħda ssuq.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fl-14 ta' Frar 1999, għal xi s-2.15 *p.m.*, waqt illi l-attur kien fil-ġenb tat-triq fir-*runway* ta' Ħal Far, ġie mtajjar minn karrozza tal-marka *Volkswagen Golf*, bin-numru BAT 226, misjuqa mill-konvenuta, u ġarrab danni u debilità permanenti. Billi qiegħed igħid illi l-konvenuta weħedha taħti għall-inċident, iżda għalxejn sejħilha biex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenuta weħedha taħti għall-inċident;
2. tillikwida d-danni li ġarrab l-attur; u

3. tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra uffiċjali tal-10 t'Ottubru 2000.

Il-konvenuta ressqet l-eċċezzjoni illi l-inċident seħħ bi ħtija ta' l-attur waħdu.

L-inċident seħħ hekk:

L-attur kien qiegħed Ħal Far ma' xi ħbieb tiegħu u wieħed minn ħbiebu kellu inċident ieħor, qabel, meta tqaċċtet xi parti minn vettura ta' terzi u għamlet ħsara fil-vettura tal-ħabib ta' l-attur. Dan il-ħabib talab lill-attur biex imur miegħu ħalli jkellem lil dawn it-terzi u, waqt li kienu sejrin, l-attur fil-vettura tiegħu u l-ħabib f'vettura oħra, raw ma' l-art fit-triq il-parti li kienet tqaċċtet mill-vettura ta' terzi. L-attur waqqaf il-karrozza tiegħu mal-ġenb tat-triq, u niżel mill-karrozza biex jiġbor il-parti mqaċċta, li kienet mal-ħajt in-naħa l-oħra tat-triq. L-attur għalhekk qasam għan-naħa l-oħra tat-triq u, hekk kif tbaxxa biex jiġbor il-parti mqaċċta, intlaqat mill-konvenuta, li kienet ġejja minn warajh.

Xehed ukoll Noel Cutajar, il-ħabib ta' l-attur li kien miegħu meta seħħ l-inċident, u li ra l-inċident min-naħa l-oħra tat-triq għax ma kienx qasam bħal ma għamel l-attur. Dan ix-xhud qal illi l-konvenuta kienet għaddejja min-naħa l-ħażina tat-triq għax kienet qabżet in-nofs biex taqbeż vettura oħra li kienet quddiemha. Kien f'dak il-waqt meta daħlet fin-naħa l-oħra tat-triq li laqtet lill-attur, li dak il-ħin kien wieqaf. Xehed ukoll Kevin Grixti, li wkoll ra l-inċident, u qal l-istess ħaġa.

Fil-fehma tal-qorti, il-ħtija hija tal-konvenuta għax, biex qabżet vettura li kienet quddiemha, daħlet fuq in-naħa l-ħażina tat-triq bla ma rat jekk dik il-parti tat-triq kinitx ħielsa. Li kieku ħarset sew qabel ma għamlet il-manuvra tas-sorpass, lill-attur kienet tarah għax dak il-ħin kien wieqaf. Il-manuvra tas-sorpass, minnha nfisha u aktar u aktar meta, biex tagħmilha, trid taqbeż in-nofs tat-triq, hija manuvra perikoluża u ma għandhiex issir qabel ma tkun rajt illi tista' tibdiha u ttemmha bla xkiel. Il-konvenuta naqset milli tagħmel hekk u għalhekk taħti għall-inċident.

Bid-daqqa l-attur ġarrab ksur u wera ċertifikat ta' kirurgu li juri illi jbati minn debilità permanenti ta' ħmistax fil-mija (15%).

Il-konvenuta talbet illi jinħatar espert mediku biex jeżamina lill-attur u l-qorti b'dikriet tal-15 ta' Novembru 2002 laqgħet it-talba, ħatret espert mediku u ordnat lill-konvenuta tinnotifika lill-espert bid-dikriet tal-ħatra tiegħu u tagħmel depożitu biex jagħmel tajjeb għad-drittijiet, b'dan illi jekk in-notifika u d-depożitu ma jsirux fi żmien xahar, il-ħatra titħassar.

Sat-8 ta' Lulju 2003, meta kellu jinħalef ir-rapport ta' l-espert, la n-notifika u lanqas id-depożitu ma kienu saru u għalhekk il-qorti ħassret il-ħatra ta' l-espert u sejra toqgħod fuq iċ-ċertifikat mediku esebit mill-attur billi tgħid illi l-attur ġarrab debilità permanenti ta' ħmistax fil-mija (15%).

Meta korra l-attur kellu biss għoxrin (20) sena, u għalhekk *multiplier* xieraq ikun ta' ħamsa u tletin (35) sena.

Ftit qabel l-inċident l-attur klien għadu kemm telaq l-impjieg li kellu biex jieħu x-xogħol ta' missieru, li kien burdnar. Ma nġibitx xhieda ta' x'kien sejjer ikun id-dħul tiegħu minn dan ix-xogħol, iżda mill-impjieg li kellu qabel l-attur kellu dħul ta' ftit anqas minn mitejn lira (<Lm200) kull ħmistax, qrib l-erbat elef u tmien mitt lira (Lm4,800) fix-xahar.

Wara li qieset iż-żjidiet li x'aktarx kienu jingħataw, billi l-attur kien għadu jibda l-ħajja tax-xogħol tiegħu, u l-fatt illi l-attur kellu possibbiltà ta' xogħol ieħor, il-qorti sejra timxi fuq medja ta' dħul ta' sitt elef u ħames mitt lira (Lm6,500) fis-sena.

Meta taħdem b'*multiplier* ta' ħamsa u tletin sena (35), debilità permanenti ta' ħmistax fil-mija (15%), u dħul ta' sitt elef u ħames mitt lira (Lm6,500) fis-sena, tasal għal ċifra ta' erbgħa u tletin elf mija u ħamsa u għoxrin lira (Lm34,125), li minnha trid tnaqqas għoxrin fil-mija (20%) biex tpatti għall-fatt illi l-attur sejjer jieħu issa d-dħul li kien idaħħal fuq ħamsa u tletin sena, u hekk tasal għal riżultat ta' sebgħa u għoxrin elf u tliet mitt lira (Lm27,300).

Il-qorti għalhekk tillikwida d-danni għal *lucrum cessans* fis-somma ta' sebgħa u għoxrin elf u tliet mitt lira (Lm27,300).

Fin-nota tiegħu tal-15 ta' Novembru 2002 l-attur qal illi ġarrab ukoll *damnum emergens* ta' madwar elf lira (Lm1,000) u, dwar dan, irriserva li jġib il-provi. Il-provi iżda baqgħu ma ġewx u għalhekk il-qorti ma hix sejra tillikwida *damnum emergens.*

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuta u tgħid illi l-inċident li fih korra l-attur seħħ bi ħtija tagħha weħedha, tillikwida d-danni ta' l-attur fis-somma ta' sebgħa u għoxrin elf u tliet mitt lira (Lm27,300) u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma hekk likwidata flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż ġudizzjarji mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------